

Brussell, 25 ta' Jannar 2016
(OR. en)

5528/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0012 (NLE)

ACP 12
FIN 53
PTOM 9
DEVGEN 7

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 28 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 28 final.

Mehmuż: COM(2016) 28 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2016
COM(2016) 28 final

2016/0012 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fid-39 sessjoni tiegħu li saret fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2014 f'Nairobi, il-Kunsill tal-Ministri AKP¹-UE qabel, f'Dikjarazzjoni Konġunta, li jipproċedi bl-għeluq ordnat taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (minn hawn 'il quddiem "ĊŻI"), korp tekniku konġunt tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE² stabbilit fl-Anness III tiegħu. F'din id-Dikjarazzjoni Konġunta, il-Kunsill tal-Ministri ddelega s-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa, *"inkluża l-emenda rilevanti fl-Anness III tal-Ftehim ta' Cotonou"*.

Minn Ġunju 2014 'l hawn saru passi 'l quddiem fir-rigward tal-likwidazzjoni taċ-ĊŻI. bl-istadju finali li jikkundizzjona l-istralċ ordnat taċ-ĊŻI jkun l-adozzjoni tar-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.

Huwa intiż li bil-proposta preżenti tal-Kummissjoni jiġu introdotti l-bidliet meħtieġa fl-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif ukoll li jiġi stabbilit qafas legali għall-eżistenza taċ-ĊŻI purament għall-bżonnijiet tal-likwidazzjoni tiegħu u biex jipprevedi dispożizzjonijiet legali rigward:

- i) il-personalità ġuridika taċ-ĊŻI;
- ii) id-definizzjoni tal-perjodu li jkopri l-għeluq gradwali tal-entità;
- iii) l-arranġamenti ta' finanzjament;
- iv) definizzjoni ġdida tal-istruttura ta' governanza taċ-ĊŻI purament għall-ħtiġijiet tal-likwidazzjoni tagħha.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirtira l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar *"il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-UE"* COM(2014) 364 final³ li serviet ta' bażi għan-negozjati bil-ħsieb li ssir tħejjija għal dan id-39 Kunsill tal-Ministri AKP-UE. Dak iż-żmien, il-Kummissjoni kienet irrakkomandat li jsir tħassir sempliċi ta' kwalunkwe referenza lejn iċ-ĊŻI fl-Anness III. Din il-proposta tal-Kummissjoni adottata fl-10 ta' Ġunju 2014 issa ma għadhiex valida u għandha tiġi riveduta biex tipprevedi l-qafas legali legali ġdid għall-eżistenza taċ-ĊŻI purament għall-ħtiġijiet tal-likwidazzjoni tiegħu. Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2014) 364 se tiġi rtirata b'mod parallel skont il-proċedura meħtieġa.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta d-Deċiżjoni meħmuża.

¹ L-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("AKP")

² ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3 Il-Ftehim iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 kif emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u bil-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

³ Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-UE, COM(2014) 364 final
<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2014:0364:FIN>

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE")⁴,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 100 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jgħid li l-Annessi Ia, Ib, II, III, IV u VI tiegħu jistgħu jiġu riveduti, rieżaminati / jew emendati mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni min-naħa tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni AKP-UE għall-Finanzjament tal-Iżvilupp.
- (2) L-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jgħid li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jista' jiddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE.
- (3) Fid-39 sessjoni tiegħu li saret fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2014 f'Nairobi, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE qabel, f'Dikjarazzjoni Konġunta, li jipproċedi bl-għeluq ordnat taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ĊŻI) "*u l-emenda tal-Anness III tal-Ftehim ta' Cotonou*". Għal dan il-għan, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddeċieda li jagħti delega ta' setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex imexxi l-kwistjoni 'l quddiem bil-ħsieb li jadotta d-deċiżjonijiet neċessarji, "*inkluża l-emenda rilevanti fl-Anness III tal-Ftehim ta' Cotonou*".
- (4) Il-modifika tal-Anness III tikkonċerna d-definizzjoni tal-qafas legali ġdid tal-eżistenza taċ-ĊŻI purament għall-bżonnijiet tal-likwidazzjoni tiegħu.

⁴

ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3 Il-Ftehim iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 kif emendat bil-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u bil-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi addottata mill-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness III għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE tkun stabbilita skont it-termini tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, li hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Bidliet żgħar għall-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kumitat.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*